MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 186/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.**

**vs**

**David Aquilina (478175M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datat 20 ta’ Frar 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fl-20 ta’ Novembru 2006 din il-Qorti akkordat ir-rikors ta’ Bajja Developments Limited ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1663/06GC li gie dekretat b’mod definittiv kontra l-intimat;

Illi permezz ta' tali mandat l-intimat jew xi persuni mqabbda minnu gew inibiti milli jkomplu bix-xoghlijiet ta' skavar fil-fond bl-indirizz 8, ir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan.

Illi *nonostante* l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni surreferit, b'disprezz ta' l-ordni ta' din il-Qorti xorta wahda kompla bix-xoghlijiet ta' skavar fil-fond numru 8, ir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan hekk kif jidher mir-rapport tal-Perit Mark Camilleri u mir-ritratti mehuda minnu stess immarkati bhala dokument "MC 1" sa "MC 3" nhar it-23 ta' Novembru 2006.

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fl-24 ta' Novembru 2005 l-imsemmija Bajja Developments Limited gabet ghal konjizzjoni ta' din il-Qorti dan kollu u talbet li din il-Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha *ai termini* tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b'digriet tat-28 ta' Novembru 2006 din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess rikorrent qed jitlob li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Issib lill-intimat David Aquilina hati ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. “A” u Dok. “B” kif jidher a fol. 3 sa 23 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta’ April 2007.

Rat ir-risposta ta’ David Aquilina datata 11 ta’ Jannar 2008 a fol. 44 tal-process fejn espona: -

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi huwa m’ghamel l-ebda xoghlijiet f’8, ir-Rampa ta’ San Gwann, San Giljan u kull xoghol ta’ skavar u thaffir sar mis-socjeta` BBR Construction Limited u ghalhekk l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, il-karta ta’ l-identita` ta’ David Aquilina m’hijiex 478175M izda 478174M, biex b’ hekk huwa m’huwiex legalment notifikat bl-affissjoni odjerna u bi proceduri kif intavolati mir-rikorrent, *stante* illi d-dettalji ta’ l-istess intimat ma jikkombacjawx.

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess, l-iskavar tas-sit in kwistjoni huwa kopert bil-permess tal-bini PA06902/02 u PA02210/06 mahruga mill-MEPA u mhux minnu li s-socjeta` BBR Construction Ltd. skavat iktar ‘il gewwa minn 0.76 metri mposti mil-Ligi mill-hajt divizorju li jiddividi l-lukanda Le Meridien, f’San Giljan u l-proprjeta’ BBR Construction Ltd.

4. Illi meta s-socjeta` BBR Construction Ltd. giet notifikata bil-Mandat ta’ Inibizzjoni 1663/06GC, huma waqfu milli jiskavaw ‘il gewwa minn 0.76 metri mill-hajt divizorju. Huma komplew jaghmlu x-xoghlijiet fis-sit in kwistjoni kif kellhom kull dritt jaghmlu *entro* 0.76 metri mill-istess hajt divizorju.

5. Illi r-rikorrenti jippretendi illi huma gew imwaqqfa milli jiskavaw is-sit kollu, haga li la tirrizulta mill-korp tal-Mandat u lanqas mit-talbiet. Dak illi hemm inkluz fil-korp tal-Mandat, illi huma kellhom jigu mwaqqfa *entro* minn

0.76 metri mill-hajt divizorju u ghalhekk l-iskavar li sar fil-*plot* in kwistjoni, m'hijiex koperta mill-istess Mandat.

6. Illi mhux minnu illi BBR Construction Ltd. ikkawzat hsarat jew setghet tikkawza hsarat lir-rikorrenti, *stante* illi l-hajt divizorju bejn il-proprjeta` tas-socjeta` BBR Construction Ltd. u l-Hotel Le Meridien hija diviza bi triq privata li ticcirkonda l-istess sit tas-socjeta` BBR Construction Ltd.

7. Illi dawn il-proceduri gew istigati mis-sidien tal-Hotel Le Meridien, San Giljan, ghaliex jippretendu li minkejja li l-bini li qed tibni BBR Construction Ltd. huwa approvat mill-MEPA, dan il-bini jista' jghatti l-veduta tal-lukanda ta' l-istess Hotel Le Meridien u ghalhekk huma ma jridu illi bl-ebda mod ma' jittella' l-bini propost mis-socjeta` BBR Developments Ltd.

8. Illi dawn il-proceduri ta' disprezz ta' l-Awtorita` tal-Qorti huma ghal kollox irritwali u nulli *stante* illi s-socjeta` BBR Construction Ltd. waqfet milli tiskava *entro* 0.76 metri mill-hajt divizorju meta hija giet notifikata bil-mandat odjern u ghalhekk ic-certifikat mahrug mill-Perit Mark Camilleri li ncidentalment huwa bin id-direttur Benny Camilleri, sid il-lukanda Le Meridien, San Giljan, mhux veritjier u lanqas jikkombacja mal-fatti ezistenti.

9. Illi ghalhekk gja` ladarba BBR Construction Ltd. obdiet l-ordnijiet ta' din il-Qorti, m'aggixxietx b'disprezz lejn l-Awtorita` taghha ghaliex huma waqfu milli jiskavaw *entro* 0.76 metri mill-hajt divizorju li jiddividi s-sit ta' l-intimati minn dak tas-sidien tal-Hotel Le Meridien, San Giljan.

10. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Francesco Depasquale ghall-attur u Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut. Id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li bejn is-socjeta` Bajja

Developments Ltd, li kienet talbet li jibdew il-proceduri odjerni, u bejn is-socjeta` BBR Construction Ltd. intlahaq ftehim sabiex isir il-konvenju dwar l-art fejn allegatament tkompla x-xoghol. Il-kawza giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2008 fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghar-rikorrenti li nforma l-Qorti li s-socjetajiet fuq imsemmija waslu ghall-ftehim li bih l-art mertu ta' din il-procedura giet trasferita lis-socjeta' Bajja Developments Limited u ddikjara li m'ghandu ebda provi xi jressaq u r-rikors gie differit ghall-provemiment finali ghal-5 ta' Gunju 2008.

Rat ix-xhieda moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna tittratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jiddisponu li certu atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u tippreskrivi pieni ta' canfira, multa, ammenda jew detenzjoni skond il-Kodici Kriminali u ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li tali procediment huwa ta' indoli kriminali, tant li f'dan il-kaz l-azzjoni ma hija xejn hlief tahrika ta' l-"akkuzat" sabiex iwiegeb ghal tali takrika (**"Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) u l-iskop ta' tali procediment huwa sabiex tigi kustodita d-dinjita tal-Qorti fix-xoghol taghha ta' amministrazzjoni tajba tal-gustizzja (**"Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. (CC) 9 ta' Novembru 1990):-

Illi l-proceduri gew inizjati mir-Registratur tal-Qorti wara li gie ordnat jaghmel hekk minn din il-Qorti skond digriet tat-28 ta' Novembru 2006 u dan *a tenur* ta' l-**artikolu 1003 A** li jistipula:-

"*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur*."

Illi ghalhekk kif stipulat f'dan l-artikolu, ir-Registratur ghandu jibda proceduri ghal disprezz wara li jkun gie ordnat hekk mill-Qorti u fil-fatt hekk sar f'din il-kawza. Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Anthony Gauci**" (PA 2637/97RCP) deciza fit-23 ta' Marzu 1999 u a skans ta' repetizzjoni taddotta l-istess insenjamenti hemm indikati, konfortati bis-sentenza **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Salvu Psaila et"** (Appell Inferjuri 12 ta' Frar 1996 – LXXX.ii. 1087).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li gie mahrug kontra l-intimat, il-mandat ta' inibizzjoni Numru 1663/2006 sabiex izomm lill-intimat milli bi kwalunkwe mod, huwa personalment jew xi persuni mqabbda minnu, jkomplu bix-xoghlijiet ta' skavar u thaffir fil-fond fl-indirizz 8, ir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan immarkat bil-kulur fuq il-pjanta hemm annessa bhala Dok. BD 1 u wara li *inter alia* l-istess intimat kien eccepixxa li huwa ma huwiex il-legittmu kontradittur peress li l-proprjeta' in kwistjoni kienet tappartjeni lil BBR Construction Limited.

Illi sussegwentement is-socjeta' Bajja Developments Limited ipprezentat rikors datat 24 ta' Novembru 2006 fejn allegat li wara li l-intimat gie notifikat bl-istess digriet fil-21 ta' Novembru 2006, ix-xoghol fuq l-istess sit tkompla fit-23 ta' Novembru 2006 u dan ukoll skond certifikat tal-Perit Mark Camilleri ta' l-istess data (fol. 7) u ritratti esebiti (fol. 8 u 9) u b'digriet datat 28 ta' Novembru 2006 ir-Registratur tal-Qorti gie ordnat li jiehu s-solitu proceduri ta' disprezz (Dok. "A" – fol. 5).

Illi jidher li konsegwenza ta' dan saru dawn il-proceduri, izda provi dwar l-istess ma ngabux u senjatament jinghad li f'dawn il-proceduri r-rwol ta' l-intimat bl-ebda mod ma gie definit u dan peress li mill-verbali ta' din is-seduta u

wkoll mic-certifikat tal-Geotechnical Consultant A. Cassar datat 16 ta’ Novembru 2006 jirrizulta li kull xoghol li kien qed isir fuq l-istess art kien qed isir mis-socjeta’ BBR Construction Limited u hekk fil-fatt jinghad fir-risposta tal-intimat (u dan ghalkemm jidher li l-mandat ta’ inibizzjoni kien jirreferi ghat-twaqqif ta’ kull xoghol fuq l-istess art u mhux dak limitat ghal dak li jinghad f’paragrafu 5 tar-risposta u *in verita’* f’paragrafi ohra ta’ l-istess.

Illi fi kwalunkwe kaz f’din il-procedura l-ebda provi ma tressqu fil-konfront tal-intimat odjern, u lanqas ingiebet ebda prova dwar il-konnessjoni tal-istess intimat mas-socjeta’ BBR Construction Limited u ghalhekk certament ma jistax jinghad li gie b’xi mod ippruvat li l-istess intimat ghamel xi xoghol fuq l-art mertu ta’ dawn il-proceduri bi ksur  tad-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha proprju minhabba nuqqas ta’ provi.

**III.   KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-intimat, biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.**

Bl-ispejjez minhabba n-natura tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------